

32005D0506

L 184/68

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

15.7.2005

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Lulju 2005

**li temenda d-Deċiżjoni 1999/120/KE dwar l-inklużjoni ta' stabbiliment wieħed fl-Albanija f-listi proviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw l-imsaren (casings) ta' l-animali**

(notifikata taħt dokument numru C(2005) 2657)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/506/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 dwar il-kundizzjonijiet għat-tfassil, għal perjodu interim, ta' listi proviżorji ta' stabbilimenti ġewwa pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huwa awtorizzati li jimportaw ċerti prodotti li ġejjin minn annimali, prodotti tas-sajd jew mol-luski bivalvi ħajjin (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(4) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/120/EC tas-27 ta' Jan-nar 1999 li toħloq listi proviżorji ta' stabbilimenti ġewwa pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-imsaren ta' l-animali (²) tistabbilixxi listi proviżorji ta' stabbilimenti ġewwa pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw l-imsaren ta' l-animali.
- (2) L-Albanija pprovdiet l-isem ta' stabbiliment wieħed li jip-produċi l-imsaren ta' l-animali li għaliex, l-awtoritajiet responsabbli jiċċertifikaw li l-istabbiliment jikkonforma mar-regoli Komunitarji.
- (3) Skond dan, l-istabbiliment għandu jiddaħħal fil-listi stabiliti fid-Deċiżjoni 1999/120/KE.
- (4) Billi għadhom ma twettqux spezzjonijiet fuq il-post ta' l-istabbiliment inkwistjoni, l-importazzjoni minnu m'għandhiex tkun eliġibbli għal kontrolli fiż-żejji mnaqqsa skond id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw

l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq il-prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi (³).

- (5) Id-Deċiżjoni 1999/120/KE għandha għalhekk tiġi emenda skond dan.
- (6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħha ta' l-Annimali,

**ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:**

### Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 1999/120/KE huwa emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-22 ta' Lulju 2005.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar l-14 ta' Lulju 2005.

*Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 243, 11.10.1995, p. 17. Deċiżjoni kif emadata l-aħħar mid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33); Verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 195, 2.6.2004, p. 12.

(²) ĠU L 36, 10.2.1999, p. 21. Deċiżjoni kif emadata l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

(³) ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Direttiva kif emadata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1; Verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1.

## ANNESS

It-test li ġej jinżied ma' l-Anness:

**"País: Albania/Země: Albánie/Land: Albanien/Land: Albanien/Riik: Albaania/Xópo: Альбания/Country: Albania/Pays: Albanie/Paese: Albania/Valsts: Albānija/Šalis: Albania/Ország: Albània/Pajjiż: L-Albanija/Land: Albanië/Państwo: Albania/País: Albânia/Krajina: Albánsko/Država: Albanija/Maa: Albania/Land: Albanien**

| 1        | 2           | 3     | 4     | 5 |
|----------|-------------|-------|-------|---|
| 1.7.2005 | Ital Casing | Korċe | Korċe | 1 |

- Bl-esklużjoni ta' l-imsaren, mid-duwodenu sar-rektum, ta' l-annimali bovini ta' kull età, jew proddotti dderivati minn dawn, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001. Din l-esklużjoni ma tapplikax għal prodotti ta' dan it-tip idderivati minn annimali mwielda, mkabbra kontinwament u maqtula fl-Arġentina, l-Australja, il-Brażil, iċ-Ċili, il-Kosta Rika, New Zealand, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj u l-Urugwaj."